# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 4 ta' April 2023**

**Talba numru 300/2021SFJ**

**Numru 7**

**BEACON MEDIA GROUP LIMITED (C12857)**

**VS.**

**JOSEF GRECH (267081M) *PROPRIO*, DOM PUBLICATIONS LIMITED (C75963), DOREEN FARRUGIA GRECH (167979M) GĦAL KULL INTERESS LI JISTA' IKOLLHA; *IN SOLIDUM* U BEJNIETHOM**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-2 ta' Novembru 2021 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li l-konvenuti jew min minnhom ikunu kkundannati jħallsuha s-somma ta' erbat elef u tnax-il Ewro (€4,012) rappreżentanti prezz ta' servizzi ta' reklamar fuq il-mezzi tax-xandir tas-soċjetà attriċi stess, liema servizzi ġew ordnati minn Josef Grech li ddikjara ruħu awtorizzat li jirrappreżenta lil DOM Publications Limited u ffirma f'dik il-kwalità;

Ra r-riferti *a tergo* ta' fol. 43 li jindikaw li l-konvenuti DOM Publications Limited u Doreen Farrugia Grech ġew innotifikati nhar it-28 ta' Frar 2022;

Ra li l-konvenut Josef Grech ġie nnotifikat bil-mezz tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u jidher li *a tergo* ta' fol. 48 hemm riferta li tindika li hu ġie nnotifikat nhar it-18 ta' Mejju 2022;

Ra li l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret fl-14 ta' Ġunju 2022;

Ra r-Risposta konġuntiva ta' Josef Grech u Doreen Farrugia Grech li permezz tagħha eċċepew:

- "*Illi jeċċepixxu li huma personalment m'għandhom ebda rabta mal-attriċi kemm ġuridika kif ukoll kuntrattwali u b'hekk għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju*";
- "*Illi dan huwa ictu oculi determinabbli mill-avviż tal-attriċi billi hi stess tgħid li aġixxiet għan-nom ta' DOM Publications Limited (C75963)*";
- "*Illi bejn ir-rispondenti hemm separazzjoni tal-beni.*"

Ra li DOM Publications Limited la dehret u lanqas ippreżentat risposta;

Ra l-kapitolu ppreżentat mis-soċjetà attriċi rigward is-soċjetà konvenuta;

Ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, sema' ix-xhieda, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-4 ta' April 2023.

**Provi ppreżentati u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal qiegħed jara li m'hemm ebda eċċezzjoni li tgħid li l-ammont mhuwiex dovut lis-soċjetà attriċi. Is-soċjetà konvenuta ma ppreżentatx risposta, u allura ovvjament ma ressqet ebda eċċezzjoni, filwaqt li da parti tagħhom, Josef Grech u Doreen Farrugia Grech ippreżentaw risposta li ma tindirizzax is-sustanza tal-każ, ċioè jekk l-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi huwiex verament dovut lilha. *Se mai*, Josef Grech u Doreen Farrugia Grech jargumentaw li l-kawża għandha tkun diretta kontra DOM Publications Limited biss u mhux kontrihom personalment.

Huwa evidenti li l-ordnijiet għas-servizzi ġew mibgħuta lis-soċjetà attriċi mill-*e-mail address* dompublicationsltd@gmail.com u almenu l-*e-mails* li hemm fil-proċess mhumiex iffirmati minn persuna fiżika. Għall-finijiet tal-*invoice*, is-soċjetà attriċi rċeviet kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tas-soċjetà konvenuta (fol. 15) u kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni għall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud (fol. 16). Kwindi, l-*invoice* kienet indirizzata lil DOM Publications Limited.

Doreen Farrugia Grech xehdet li żewġha, Josef Grech, la kien direttur u lanqas azzjonist tal-kumpannija. Hija qalet, iżda, li żewġha ġieli kien jgħinha fit-tmexxija tal-kumpannija u ġieli awtorizzatu jitkellem jew jiffirma f'isem il-kumpannija. Da parti tiegħu, Josef Grech xehed li huwa personalment ma kellu ebda transazzjoni mas-soċjetà attriċi. Meta Josef Grech ġie muri dokumenti a fol. 17 u 18 tal-proċess, huwa kkonferma li kien hemm il-firma tiegħu iżda f'isem is-soċjetà konvenuta.

Sabiex it-*timelines* ikunu ċari, it-Tribunal josserva li s-servizzi relattivi ġew ipprestati mis-soċjetà attriċi f'Settembru u Ottubru 2020 filwaqt li skont kif xehdet Claudia Diacono, is-soċjetà konvenuta ġiet *struck off* fl-20 ta' April 2021.

Diversi drabi ntqal mill-Qrati Maltin li persuna li tikkuntratta f'isem ħaddieħor (f'dan il-każ, Josef Grech li kkuntratta f'isem is-soċjetà konvenuta) trid tagħmilha ċara lill-parti l-oħra (f'dan il-każ, lis-soċjetà attriċi) li hija qed tikkuntratta mhux f'isimha proprju iżda f'isem ħaddieħor. Għalhekk wieħed irid jistaqsi jekk Josef Grech għamilhiex ben ċara lis-soċjetà attriċi li huwa kien qiegħed jikkuntratta mas-soċjetà attriċi mhux f'ismu proprju iżda f'isem DOM Publications Limited. It-Tribunal hawn jirreferi għas-sentenzi ***Frank Cilia noe vs. Charles Scicluna*** (deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-27 ta' April 1992), ***Philip Galea Souchet vs. Michael Falla*** (deċiża mill-Qorti tal-Appell [Kummerċ] fl-4 ta' Mejju 1973), u ***Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs. Mark Grima*** (deċiża fit-30 ta' April 1992).

Fuq livell superfiċjali, jirriżulta mill-*affidavit* ta' Petra Borg Urso u mid-dokumenti annessi miegħu li l-inkarigu wasal għand is-soċjetà attriċi tramite l-*e-mail address* dompublicationsltd@gmail.com u mhux permezz ta' xi *e-mail address* appartenenti lil xi individwu.

Meta Josef Grech ikkomunika ma' Petra Borg Urso, huwa taha x'tifhem li kien imexxi s-soċjetà konvenuta[1]. Inoltre, kif jidher mill-paragrafu numru 6 tal-affidavit tagħha, għall-finijiet ta' *invoicing*, huwa saħansitra bagħat kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tas-soċjetà konvenuta (fol. 15) u kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni għall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud (fol. 16). Dan kien jagħmilha ferm ovvja li Grech għamilha ċara li kien qiegħed jikkuntratta f'isem DOM Publications Limited u mhux fil-vesti personali tiegħu.

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Lawrence Formosa noe vs. Silvio Felice*** (deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999), intqal hekk:

> *"Illi dan il-principju gie kostantament applikat mill-Qrati taghna. Hekk, fil-kawza fl-ismijiet "**Charles O' Flaherty noe. vs Joseph Micallef**" (Cit Nru 885/85/JDC), deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' Gunju 1987, fejn il-fatti kienu simili ghal dawk in ezami, inghad "Illi f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut hu obbligat personalment ghall-hlas, peress li ma jirrizultax li fiz-zmien meta kien isir in-negozju in kwistjoni huwa indika lis-socjeta' attrici li l-hlas ma kellux isir minnu izda minn socjeta' kummercjali."*

Għalhekk, *a contrariu sensu*, ladarba Josef Grech kien ċar li kien qiegħed jikkuntratta mas-soċjetà attriċi f'isem DOM Publications Limited, huwa m'għandux ikun obbligat personalment għall-ħlas.

Għaldaqstant, it-Tribunal ser jillibera lil Josef Grech *proprio* mill-osservanza tal-ġudizzju.

Doreen Farrugia Grech hija mħarrka b'mod ġeneriku għall-aħħar, "*għal kull interess li jista' ikollha*". Madankollu, it-Tribunal ma jistax ma josservax li m'hemm ebda prova li Doreen Farrugia Grech għamlet xi kuntatt mas-soċjetà attriċi. Anzi, hija *ex admissis* awtorizzat lil żewġha jagħmel kuntatt mas-soċjetà attriċi **f'isem is-soċjetà konvenuta** (u mhux f'ismu proprju). Fil-fehma tat-

---

[1] Fil-fatt, fil-paragrafu 5 tal-affidavit tagħha (fol. 10), Petra Borg Urso tixhed: "*…tkellimt fuq it-telefon mal-intimat Josef Grech illi spjega illi kien imexxi l-aġenzija DOM Publications Limited…*"

Tribunal, m'hemm assolutament ebda rapport ġuridiku bejn Doreen Farrugia Grech personalment u s-soċjetà attriċi.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi, għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, kif ukoll wara li ra l-kapitolu ppreżentat mis-soċjetà attriċi, liema kapitolu qiegħed jittieħed bħala mistqarr:

i. Jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi sakemm u sa fejn huma diretti kontra DOM Publications Limited u konsegwentement jikkundanna lil DOM Publications Limited tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erbat elef u tnax-il Ewro (€4,012), bl-imgħaxijiet kalkulabbli b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi u dekorribbli mid-data ta' kull fattura rispettivament, sad-data tal-pagament effettiv;

ii. Jillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lil Josef Grech u lil Doreen Farrugia Grech fil-kwalitajiet li fihom ġew imħarrka.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu minn DOM Publications Limited u ċioe' anke tal-konvenuti l-oħra li ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
***B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.***
**Ġudikatur**